MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 821/2014

**G. A. Investments Ltd (C30940)**

**VS**

**Floriana Football Club (Numru ta' registrazzjoni mal-Kunsill Malti ghall-lsport KMS C015)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta'G.A. Investments Limited (C30940) tas-19 ta'Settembru 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-klabb konvenut issellef minghand il-Bank of Valletta plc s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u tmienja u tmenin Euro (€22,088) kif jidher fl-ittra sanzjonarja hawn annessa u datata 3 ta' Mejju 2012. Bhala garanzija ghal hlas lura ta' dan is-self l- esponenti tat b'rahan favur il-*

*Bank Term Deposit Account numru 40019242974 kontenenti s-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000).*

*Illi jirrizulta li l-konvenut baqa' ma hallas xejn mis-self moghti lilu mil-Bank of Valletta plc u fit-12 ta'Awwissu 2014 l-istess bank illikwida u gibed il-flus kollha fit-Term Deposit account hawn fuq imsemmi sabiex jithallas parti mis-self moghti lill-klabb konvenut.*

*Illi ghalhekk l-esponenti ghandha d-dritt ta' regress kontra l-klabb konvenut ghall-valur ta' €20,000.*

*Illi minkejja li l-klabb konvenut gie nterpellat diversi drabi, inkluz b'ittra legali datata 25 ta'Awissu 2014, sabiex ihallas l-ammont dovut minnu, huwa baqa' inadempjenti.*

*Illi jirrikorru l-elementi preskritti mill-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha billi safejn taf l- esponenti, il-klabb konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talbiet taghha.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni li din il-Qorti jidhriha xierqa, l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *konsegwentement tikkundanna lill-klabb konvenut ihallas lill-esponenti s- somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), valur tal-kont bankarju tal-esponenti hawn fuq imsemmi, liema kont gie likwidat u migbud sabiex jithallas parti mis-self moghti lill-klabb konvenut kif hawn fuq spjegat.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali konta l-klabb konvenut sad-data tal-pagament effettiv, ingunt minn issa ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet taghha tat-23 ta'Settembru 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghas-16 t'Ottubru 2014 fid-9:35am;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mis-socjeta' rikorrenti G.A Investments Limited u cioe' Dok. A affidavit ta' Johann Said ghan-nom ta' G.A Investments; Dok. B ittra sanzjonarja tal-Bank of Valletta; Dok. C *withdrawel slip* datata 12 t'Awwissu 2014 u ; Dok. D ittra legali.

Illi jirrizulta mill-provi hawn fuq indikati illi wara self illi l-klabb Floriana kien ghamel mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' Eur 22,088, il-kumpanija attrici l-kumpanija tat bi *pledge* favur il-bank *Term Deposit account* numru 40019242974 li fih kien hemm depozitat ghoxrin elf Ewro (Eur 20,000).

Sikkome il-football klabb ma onorax il-pagamenti dovuti, il-Bank of Valletta ezegwixxa kontra it-*Term Deposit account* u gibed Eur20,000 mill-kont tas-socjeta' rikorrenti kif jidher mill-*withdrawel slip* Dok. C a fol. 9 tal-process.

Dan gie pjenament korroborat minn Raymond Pace, ufficjal tal-Bank of Valletta, li ezebixxa BOV1 il-*pledge* u BOV2 il-*guarantee*.

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti ghaliex rapprezentant tal-klabb intimat ma deherx u ma prezentax il-kontestazzjoni tieghu.

**Ghall dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **tiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smigh 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **konsegwentement tikkundanna lill-klabb konvenut ihallas lill-esponenti s-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), valur tal-kont bankarju tal-esponenti hawn fuq imsemmi, liema kont gie likwidat u migbud sabiex jithallas parti mis-self moghti lill-klabb konvenut kif hawn fuq spjegat.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali konta l-klabb konvenut.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------